**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2017**

**Talba numru 441/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 38**

**GO plc (C22334)**

**Triq Fra Diegu,**

**Marsa**

**MRS 1501**

**Vs**

**Marouska Bartolo (ID 328891M)**

**9, Kim,**

**Triq il-Misk,**

**Fgura**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-12 ta' Ottubru, 2016 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand l-konvenut l-hlas ta' elf hames mija tmienja u sittin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,568.35c) in konnessjoni ma' servizzi ta'

komunikazzjoni moghtija mis-socjeta' attrici il konvenuta fuq kontijiet li jgibu n-numri AC40538893 u AC40589123.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma dehret għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher biex tirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant it-Tribunal wara li sema' rapprezentant tas-socjeta' attrici tghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghaldaqstant tordna lil konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf hames mija u tmienja u sittin ewro u hamsa u tletin centezmu (€1,568.35c) bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali jew l-Avviz tat-Talba skont liema wiehed jigi l-ewwel, sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali, a karigu tal-konvenuta.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikant**